A.L. 114 ta' l-2002

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2002 dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lil Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtija bl-artikolu 33(1) u bl-artikolu 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Att", il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni ta' l-2002 dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lil Kunsilli Lokali.

Funzjonijiet delegati.

2. (1) Skond il-paragrafu (n) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33(1) ta' l-Att:

(a) l-installazzjoni tas-sistemi kollha ġodda ta' tidwil fit-toroq, u

(b) il-manutenzjoni ta' l-istallazzjonijiet tat-tidwil kollu fit-toroq, minbarra dawk elentati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Ordni, ikunu funzjoni li qegħda b'dan tiġi delegata lil kull Kunsill Lokali għar-rigward ta' stallazzjonijiet fil-lokalità tiegħu.

(2) Id-delega hawn aktar qabel imsemmija għandha ssehh għar-rigward ta' kull Kunsill Lokali sa mid-data murija għar-rigward ta' dak il-Kunsill Lokali fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Ordni:

Iżda meta jiġi indikat li dik id-data effettiva tkun għad trid tiġi stabbilita, dik id-data għandha tiġi stabbilita b'Ordni tal-Ministru.

L-istallazzjonijiet eċċ., ikunu skond ir-regolamenti u l-ktejjeb mahruġa minn Enemalta.

Kap. 272.

3. L-installazzjonijiet kollha u l-manutenzjoni ta' dawk l-istallazzjonijiet għandhom isiru, skond il-każ, strettament skond ir-regolamenti magħmula mill-Korporazzjoni Enemalta skond l-Att dwar l-Enemalta u wkoll skond livelli, speċifikazzjonijiet, metodi tax-xogħol u proċeduri stabbiliti bil-pubblikazzjoni "*Street Lighting Devolution Manual*" - Riferenza tad-Dokument Nru SLDM-01, pubblikata mill-imsemmija Korporazzjoni, kif emendata minn żmien għal żmien, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "*Manual*".

B 1706

L-EWWEL SKEDA

Artikolu 2(1)

Ħwejjeġ esklużi mir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali

Klawsola 9.2 tal-*Manual* imsemmi fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandha tistabbilixxi l-ħwejjeġ u x-xogħlijiet li huma esklużi mir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali.

Id-*database*, proprjetà ta' Enemalta, inklużi l-pjanijiet u kull informazzjoni oħra teknika, prodotti mill-Korporazzjoni Enemalta skond klawsola 9.2 (iv) ta' l-imsemmi *Manual*, għandhom jitqiesu bħala l-bażi uffiċjali minn fejn jistgħu jinkisbu l-lokalizzazzjoni, l-enumerazzjoni, it-tqassim f'kategorija u l-informazzjoni statistika relatati mas-sistemi ta' tidwil fit-toroq.

IT-TIENI SKEDA

Artikolu 2(2)

Kunsill Lokali	**Data tad-Delega effettiva**
Qormi, Birkirkara, Gżira, Ħamrun, Msida, Pembroke, Pietà, San Ġiljan , San Ġwann, Santa Venera, Sliema, Swieqi, Ta' Xbiex.	l-1 ta' Ġunju, 2002
Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar, San Pawl il-Baħar, Attard, Balzan, Dingli, Iklin, Lija, Mdina, Rabat (Malta), Mtarfa, Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Paola, Santa Luċija, Tarxien, Żejtun, Floriana, Marsa, Valletta, Siġġiewi, Żebbuġ (Malta), Birżebbuġa, Kirkop, Luqa, Mqabba, Qrendi, Safi, Żurrieq, Birgu, Bormla, Fgura, Isla, Kalkara, Marsaskala, Xgħajra, Żabbar,	Għad irid jiġi stabbilit
Rabat (Għawdex), Fontana, Għajnsielem, Għarb, Għasri, Kerċem, Munxar, Nadur, Qala, San Lawrenz, Sannat, Xagħra, Xewkija u Żebbuġ (Għawdex).	